


# Ġustizzja favur it-tfal – perspettivi u esperjenzi tal-professionisti

## Sommarju



*Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tistabbilixxi d-drittijiet li huma ta' rilevanza partikolari għad-drittijiet tat-tfal fi proċedimenti ġudizzjarji, l-aktar importanti minnhom huma d-dinjità tal-bniedem (Artikolu 1); il-projbizzjoni tat-tortura u tal-pieni jew trattamenti inumani jew degradanti (Artikolu 4); id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà (Artikolu 6); ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja (Artikolu 7); il-protezzjoni tad-data personali (Artikolu 8); non-diskriminazzjoni (Artikolu 21); id-drittijiet tat-tfal (Artikolu 24) u d-dritt għal rimedju effettiv (Artikolu 47).*

L-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea (UE) għandhom l-obbligu jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal huma l-konsiderazzjoni primarja fi kwalunkwe azzjoni li taffettwahom. Din il-konsiderazzjoni hija ta' importanza partikolari meta t-tfal ikunu involuti fi proċedimenti ġudizzjarji kriminali u ċivili.

Dawn il-proċedimenti jistgħu jkunu ta' stress għal kulħadd. Aktar u aktar għat-tfal, li jistgħu jkunu travmatizzati jekk il-proċedimenti ma jqisux l-interessi tagħhom, l-ambjent ma jkunx adattat u l-professionisti involuti ma jkunux imħarrġa b'mod adegwat. Eluf ta' tfal jiġu affettwati. Id-dejta turi li fi 11-il Stat Membru biss, madwar 74 000 tifel u tifla kienu vittmi tal-kriminalità u 495 000 kienu affettwati mid-divorzu tal-ġenituri fl-2010.

It-trattament tat-tfal fi proċedimenti ġudizzjarji huwa ta' tħassib importanti fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, li ġie indirizzat min-Nazzjonijiet Uniti (NU) fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC) tagħha, li ġiet ratifikata mill-Istati Membri kollha tal-UE. Barra minn hekk, l-UE turi l-impenn tagħha għal din il-kwistjoni billi tippromwovi *Il-Linji gwida dwar il-ġustizzja favur it-tfal* tal-2010

tal-Kunsill tal-Ewropa (KtE) u tgħin l-Istati Membri tagħha jtejbu l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal fis-sistemi ġudizzjarji tagħhom.

Dawn il-linji gwida tal-KtE jippromwovu d-drittijiet tat-tfal li jinstemgħu, li jkunu informati, li jkunu protetti u għan-non-diskriminazzjoni. Biex jiġi ddeterminat sa fejn dawn id-drittijiet jiġu rrispettati u sso-disfati fil-prattika, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, gābret u analizzat id-dejta ppreżentata f'dan is-sommarju. Is-sejbiet juru li għad hemm ħafna x'isir biex il-ġustizzja tkun aktar favur it-tfal fl-UE.

Il-prattiki ta' kif it-tfal jipparteċipaw fi proċedimenti ġudizzjarji kriminali u ċivili jvarjaw b'mod konsiderevoli mhux biss minn Stat Membru għal ieħor, iżda wkoll fi ħdan l-Istati Membri stess, li tindika l-ħtieġa għal standards u linji gwida ċari u konsistenti u l-monitoraġġ sistematiku tal-implimentazzjoni tagħhom. It-tfal ma jingħatawx appoġġ biżżejjed meta jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali jew ċivili; l-ambjent tal-qorti li jista' jkun ta' intimidazzjoni għat-tfal mhux dejjem jiġi adattat għall-bżonnijiet tagħhom. Miżuri konkreti, bħall-prevenzjoni li tfal jikkonfrontaw b'mod dirett imputati jew xhieda fil-qorti jew li jiġi żgurat li t-tfal ikunu infurmati dwar il-proċedimenti u li jifhmuhom, għadhom mhumieq Prattika komuni. Madankollu r-riċerka żvelat ukoll numru ta' Prattiki tajbin, li wħud minnhom huma mniżżla f'dan is-sommarju.

Li sistemi tal-ġustizzja jkunu aktar favur it-tfal itejjeb il-protezzjoni tat-tfal, itejjeb il-parteċipazzjoni sinifikanti tagħhom u fl-istess ħin itejjeb l-operat tal-ġustizzja. Is-sejbiet f'dan is-sommarju jistgħu jipprovdu lill-Istati Membri għodod utli biex jidentifikaw ostakli, lakuni jew nuqqasijiet fil-proċeduri

ġudizzjarji tagħhom, b'mod speċjali fil-proċess ta' traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-direttivi tal-UE rilevanti. Tali approċċ favur it-tfal, f'konformità

mal-linji gwida tal-Kunsill tal-Ewropa, għandu jagħmel il-parteċipazzjoni fil-proċedimenti ġudizzjarji esperjenza aktar sikura għat-tfal fl-UE.

## Il-ġbir u l-kamp ta' applikazzjoni tad-dejta

Fl-Aġenda tagħha għad-Drittijiet tat-Tfal, l-UE nnotat li n-nuqqas ta' dejta affidabbli u komparabbli kien qed ifixkel l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki bbażati fuq l-evidenza. Biex jindirizzaw dan in-nuqqas ta' dejta, il-Kummissjoni Ewropea u l-FRA eżaminaw il-ħidma eżistenti f'dan il-qasam. Il-ġbir ta' dejta kkoordinat u sistematiku kien jinkludi l-indikaturi tad-drittijiet tat-tfal li l-FRA żviluppat fl-2010 u kompliet elaborat fl-2012 fir-rigward tal-ġustizzja tal-familja. L-indikaturi jsegwu l-mudell ibbażat fuq id-drittijiet, żviluppat mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR),\* li huwa maħsub biex ikejjel:

- l-impenji tal-persuni responsabbli (indikaturi strutturali);
- l-isforzi (indikaturi tal-proċess) biex jiġu ssodisfati dawn l-istandards;
- ir-riżultati (indikaturi tal-eżitu).

Biex tikseb għarfien komprensiv tas-sitwazzjoni, l-FRA wettqet riċerka mill-ġbir tad-dejta abbażi ta' intervisti f'10 Stati Membri tal-UE, magħżula biex jirriflettu diversità tas-sistemi ġudizzjarji u l-prattiki differenti fir-rigward tal-involviment tat-tfal fil-ġustizzja – il-Bulgarija, il-Kroazja, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Polonja, ir-Rumanija, Spanja u r-Renju Unit.\*\* Hija ġabret l-esperjenzi, il-perċezzjonijiet u l-fehmiet ta' professjonisti involuti fi proċedimenti ġudizzjarji kriminali u ċivili, kif ukoll l-esperjenzi ta' tfal li kienu involuti f'dawn il-proċedimenti, bħala vittmi, xhieda jew partijiet.

L-ewwel parti tal-ħidma tal-FRA dwar it-tfal u l-ġustizzja, ippreżentata f'dan is-sommarju,

tikkonċerna l-perspettivi tal-professjonisti. Din teżamina r-reazzjonijiet ta' 570 imħallef, prosekutur, avukat, impjegat tal-qorti, psikologu, assistent soċjali u uffiċjal tal-pulizija li ta' kuljum jiġu f'kuntatt mat-tfal li għaddejjin minn proċedimenti ġudizzjarji. Dan ix-xogħol ikkontribwixxa għall-popolazzjoni inizjali ta' indikaturi tal-proċess u tal-eżitu b'dejta kwalitattiva għall-10 Stati Membri tal-UE. L-evidenza mit-tieni parti tar-riċerka mill-ġbir tad-dejta tal-FRA abbażi ta' intervisti mat-tfal infushom se tkompli timla l-indikaturi tal-proċess u tal-eżitu. Abbażi tal-analiżi kkombinata tal-intervisti tal-professjonisti u tat-tfal, l-FRA se toħroġ opinjonijiet dwar ġustizzja favur it-tfal.

B'mod parallel, il-Kummissjoni Ewropea ġabret informazzjoni statistika mill-Istati Membri kollha tal-UE, fejn disponibbli, dwar l-involviment tat-tfal fil-proċedimenti ġudizzjarji. Id-dejta tkopri l-leġiżlazzjoni, ir-regolamenti, u l-politiki sal-1 ta' Ġunju 2012 li jaffettwaw it-trattament tat-tfal fil-proċedimenti ġudizzjarji, biex tidentifika dak li huwa tajjeb u l-lakuni potenzjali. Dan ix-xogħol ikkontribwixxa għall-popolazzjoni tal-indikaturi strutturali.

\* OHCHR (2012), *L-Indikaturi tad-Drittijiet tal-Bniedem*, Gwida għall-kejl u l-implimentazzjoni.

\*\* *Fi Franza, ix-xogħol fuq il-post twettaq fl-Île-de-France, Provence-Alpes-Côte d'Azur, Franche-Comté, Rhône-Alpes, Poitou-Charentes, Nord-Pas de Calais, Brittany, u La Réunion; fil-Ġermanja, f'Berlin-Brandenburg, Hessen, Bavaria, Lower Saxony, Rhineland-Palatinate, North-Rhine Westphalia, Niedersachsen, Hamburg, Saarland, Brandenburg, Thüringen, u Mecklenburg-Vorpommern; fi Spain, f' Andalusia, Catalonia u Madrid; u fir-Renju Unit, fl-Ingilterra, Wales u l-Iskozja.*

# Is-sejbiet ewlenin u l-pariri abbażi tal-evidenza

## Id-dritt li persuna tinstema'

Id-dritt li persuna tinstema' u tagħti l-fehma tagħha huwa essenzjali għall-parteċipazzjoni effettiva fil-proċedimenti ġudizzjarji. Huwa dritt iggarantit lit-tfal mill-UE, mill-Kunsill tal-Ewropa u min-NU.

Iżda li sempliċiment jinġabru l-fehmiet tat-tfal mhux wiex biżżejjed. Parteċipazzjoni sinifikanti teħtieġ li l-awtoritajiet rilevanti jgħallqu ambjent sikur u adattat għat-tfal u jużaw metodi xierqa ta' interrogazzjoni biex jiddeterminaw u jikkunsidraw il-bżonnijiet speċifiċi tat-tfal.

*"Matul il-karriera tiegħi nnutajt bidliet kbar: [...] qabel is-smiġh tat-tfal kien sempliċiment meqjus bħala formalità tal-proċeduri u dan m'għadux iżjed il-każ." (Spanja, Uffiċjal klerikali tal-qorti)*

Xi wħud mir-rispondenti jqisu li s-smiġh tat-tfal mhux dejjem huwa sinifikanti u meħtieġ, u jissuġġerixxu li jiġi limitat in-numru ta' seduti ta' smiġh meta possibbli. Oħrajn jippromwovu bil-qawwa d-drittijiet tat-tfal li jinstemgħu u jesprimu l-fehmiet tagħhom, waqt li jagħtu parir li l-fażi tal-iżvilupp, il-kapaċitajiet lingwistiċi u l-istat tas-saħħa tagħhom għandhom dejjem jiġu kkunsidrati.

*"Dak li ż-żgħażaġh iridu huwa li jkun jafu li l-persuna li qed tieħu d-deċiżjoni kienet konxja tal-fehmiet tagħhom fil-mument li huma ħadu d-deċiżjoni. Ħafna żgħażaġh ma jridux jieħdu d-deċiżjoni huma stess, dawn jifhemu li mhijiex ir-responsabbiltà tagħhom li jagħmlu dan, huma ma jridux din il-pressjoni. Iżda huma jridu jħossu li l-persuna li qed tieħu d-deċiżjoni tkun semgħet il-vuċi tagħhom fil-proċess." (ir-Renju Unit, Assistent soċjali)*

Is-sejbiet mill-ġbir tad-dejta tal-FRA juru li t-tfal jinstemgħu aktar spiss fil-proċedimenti kriminali milli dawk ċivili, minħabba l-ħtieġa għal evidenza f'każijiet kriminali. It-tfal mhux dejjem ikunu meħtieġa jipparteċipaw fil-proċedimenti ċivili, bħal fil-każijiet tal-liġi tal-familja li jinvolvu kwistjonijiet li jinkludu d-divorzju u l-kustodja. Hemm aktar salvagwardji proċedurali fil-proċedimenti kriminali milli f'dawk ċivili, b'mod partikolari meta t-tfal ikunu vittima aktar milli xhud. L-awtoritajiet fil-proċedimenti ċivili jagħtu wkoll ċerti drittijiet proċedurali aktar spiss lir-rikorrenti tfal milli lix-xhieda jew lill-partijiet. Reġistrazzjonijiet bil-vidjo u kmamar għas-smiġh adattati tat-tfal huma spiss aktar disponibbli u użati għall-proċedimenti kriminali milli dawk ċivili.

L-intervistati kollha enfasizzaw l-importanza tal-ħidma professjonali kkoordinata mill-ispeċjalisti kollha involuti, biex jiġi limitat u jittaffa kwalunkwe effett negattiv li t-tfal jistgħu jesperjenzaw. B'mod ġenerali, jekk il-professjonisti m'harrġa jisimgħu lit-tfal u jeżistu linji gwida dwar kif tisma' lit-tfal, il-professjonisti huma evalwati biex jaġixxu b'mod aktar xieraq. It-tfal iħossuhom aktar sikuri jekk ikun hemm anqas seduti ta' smiġh, jekk inqas persuni huma preżenti u jekk professjonist wieħed imħarreġ biss jismagħhom. Huma jistgħu wkoll jagħmlu użu aħjar mid-drittijiet tagħhom u jipprovdut dikjarazzjonijiet aktar validi u anqas influwenzati.

*"[...] it-tfal jiġu mal-ġenituri tagħhom għand il-pulizija u jgħidu, Jiena għedt kollox lill-pulizija, fejn jaħsbu li l-pulizija hija l-istituzzjoni tal-istat fejn wieħed m'għadux jigdeb. Huma jiġu għall-investigazzjoni, jgħidu Jien għedt kollox fil-qorti, il-qorti tal-kontea matul l-investigazzjoni, u issa għat-tielet darba nsejnhulhom biex jiġu hawn u ngħidulhom, issa inti terġa' tirrepeti kollox għal darb'oħra. Tal-biża'." (Il-Kroazja, Psikologu)*

L-evidenza li nġabret mill-FRA fl-10 Stati Membri tal-UE studjati turi li l-Istati Membri xi kultant jinqsu milli jimplimentaw id-dritt tat-tfal li jinstemgħu fi proċedimenti ġudizzjarji. Seduti ta' smiġh fil-proċeduri kemm ċivili kif ukoll kriminali huma meqjusa bħala trawma għat-tfal. Madankollu, kemm il-proċedimenti kriminali kif ukoll ċivili għamlu progress biex il-ġustizzja tkun favur it-tfal. Huma għamlu dan billi żguraw li l-professjonisti tal-kura soċjali jipparteċipaw aktar matul il-proċedimenti ġudizzjarji, b'mod speċjali fis-seduti tal-liġi ċivili. L-adozzjoni ta' miżuri speċjali biex it-tfal jiġu protetti minn vittimizazzjoni mill-ġdid ukoll għenet.

Il-konsiderazzjonijiet ġenerali għal azzjoni li ġejjin jistgħu jgħinu biex jiġi żgurat li d-dritt tat-tfal li jinstemgħu jitwettaq b'mod kemm jista' jkun adattat għat-tfal, li jiżgura li t-tfal iħossuhom komdi u sikuri u jkun kapaċi jesprimu l-opinjoni tagħhom b'mod effettiv u b'mod liberu.

## It-twaqqif ta' qrati speċjalizzati għat-tfal

- Mhux l-Istati Membri kollha għandhom qrati kriminali u ċivili speċjalizzati. Madankollu, huwa aktar probabbli li strutturi bħal dawn ikollhom faċilitajiet adattati għat-tfal, għodda ta' ħarsien u speċjalisti tat-tfal imħarrġa. Jekk

għad m'għandhomx minnhom, l-Istati Membri għandhom iwaqqfu strutturi speċjalizzati bħal dawn kif ukoll sistema ta' professjonisti legali/ ġudizzjarji b'kompetenzi fuq id-drittijiet tat-tfal u l-ġustizzja favur it-tfal.

### Id-definizzjoni tal-maturità tat-tfal

- Il-maturità tat-tfal hija kritika biex jiġi ddeterminat kif it-tfal għandhom jipparteċipaw fil-proċedimenti ġudizzjarji. L-Istati Membri tal-UE għandhom jintroduċu definizzjoni legali ċara ta' maturità.
- Attwalment, fin-nuqqas ta' kriterji ċari bħal dawn, l-imħallfin individwali jistgħu jużaw id-diskrezzjoni tagħhom stess biex jivvalutaw il-maturità tat-tfal. L-Istati Membri tal-UE għandhom jadottaw metodu aktar oġġettiv biex jivvalutaw il-maturità tat-tfal, billi jikkunsidraw l-età u l-kapaċità ta' fehim tagħhom.

### It-twaqqif ta' salvagwardji proċedurali biex tiġi żgurata l-parteciċipazzjoni tat-tfal

- Il-professjonisti jikkunsidraw li s-salvagwardji proċedurali fil-proċedimenti kriminali, bħall-adattament tal-ambjent tas-smiġh biex ikun adattat għat-tfal, it-tnaqqis tal-istress tat-tfal u r-riskju ta' vittimizazzjoni sekondarja. Għall-proċedimenti kriminali u ċivili, l-Istati Membri tal-UE għandhom jirreġistraw bil-vidjo is-seduti tas-smiġh, inklużi s-seduti tas-smiġh ta' qabel il-proċess, biex tiġi evitata repetizzjoni bla bżonn u jiġi żgurat li huma xhieda legalment ammissibbli. Għall-proċedimenti kriminali, l-Istati Membri tal-UE għandhom jintroduċu miżuri biex jiġi evitat il-kuntatt bejn it-tfal u l-konvenut u kull parti oħra li t-tfal jistgħu jipperċepixxu bħala theddida. Għall-proċedimenti ċivili, l-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw l-użu tal-medjazzjoni aktar spiss bħala alternattiva għall-proċess.
- Tmienja mill-10 Stati Membri studjati għandhom dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali dwar id-dritt tat-tfal li jinstemgħu bħala vittima u sitta dwar id-dritt tagħhom li jinstemgħu bħala xhud. Fil-liġi ċivili, skont it-tip ta' każ, is-smiġh tat-tfal jista' jkun obbligatorju, fakultattiv jew lanqas biss ikun irregolat. L-Istati Membri u, kif xieraq, l-UE għandhom japplikaw approċċ iktar inklussiv, biex is-salvagwardji proċedurali jkopru l-każijiet kollha li jinvolvu t-tfal fi proċedimenti ġudizzjarji, filwaqt li tiġi appllikata valutazzjoni tal-maturità tat-tfal.

- L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li huma biss il-professjonisti mħarrġa li jisimgħu lit-tfal u jżidu l-preżenza ta' professjonisti speċjalizzati u mħarrġa waqt is-seduti tas-smiġh. Dan jeħtieġ li jiġi pprovdut taħriġ għall-professjonisti fit-teknika tas-smiġh adattat għat-tfal. L-awtoritajiet għandhom jiżguraw ukoll li persuna ta' fiduċja, indipendenti mill-ġenituri tat-tfal, tagħti appoġġ lit-tfal waqt l-istadji kollha tal-proċedimenti ġudizzjarji, b'mod partikolari billi tinforma u tipprepara lit-tfal għas-smiġh. L-ippjanar tal-politika tal-UE għandu jiffoka wkoll fuq it-taħriġ tal-professjonisti u l-armonizzazzjoni tal-kurrikula.

### L-għajjnuna legali bla ħlas issir disponibbli, inkluż l-aċċess liberu u faċli tat-tfal għal rappreżentazzjoni legali

- Fil-każijiet kriminali, xi Stati Membri tal-UE jagħmlu l-għajjnuna legali bla ħlas disponibbli biss għal dawk li huma finanzjarjament eliġibbli. Fil-każijiet ċivili, ir-rispondenti mill-pajjiżi kollha jirrapportaw nuqqas ta' rappreżentazzjoni legali għat-tfal. L-Istati Membri tal-UE għandhom jipprovdu għajjnuna legali mingħajr ebda kondizzjoni

#### Prattika promettenti

##### L-introduzzjoni ta' gwardjani f'tandem

Fir-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales), it-tfal li jkunu parti għall-kawża ċivili jinħatrilhom gwardjan mis-Servizzi ta' Pariri u ta' Appoġġ mill-Qorti tat-Tfal u tal-Familja biex imexxi l-proċedimenti f'isem it-tfal. Il-gwardjani jieħdu post it-tfal fil-qorti, u huma responsabbli li jirrapportaw ix-xewqat u s-sentimenti tat-tfal. Huma responsabbli wkoll biex jispjegaw il-proċess legali u jżommu lit-tfal infurmati dwar il-progress tal-każ u l-eżitu finali tiegħu. Il-gwardjani jaħtru wkoll avukati biex jipprovdu rappreżentazzjoni legali għat-tfal f'dak li huwa magħruf bħala l-"mudell tandem" tar-rappreżentazzjoni. Fejn l-opinjoni tal-gwardjan dwar l-aħjar interessi tat-tfal ma taqbilx mal-fehma tat-tfal, it-tieni avukat jista' jirrappreżenta lit-tfal b'mod separat.

Fil-Finlandja, meta kunflitt ta' interessi ma jħallix lill-ġenituri tat-tfal ikunu l-gwardjani tagħhom matul il-proċedimenti legali, jinħatar gwardjan biex jirrappreżenta l-aħjar interessi tat-tfal fil-qorti. F'xi muniċipalitajiet Finlandiżi (pereżempju fir-reġjun ta' Kouvola-Kotka), kemm professjonista soċjali kif ukoll avukat jistgħu jinħatru bħala gwardjani *ad litem*, sistema ta' koperazzjoni magħrufa wkoll bħala l-"mudell tandem".

għat-tfal kollha. Din għandha tinkludi aċċess liberu għal rappreżentazzjoni legali matul il-proċedimenti u t-tneħħija ta' ostakli burokratiċi, bħall-proċedimenti twal jew l-ittestjar tal-mezzi ekonomiċi.

- L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti linji gwida ċari dwar l-aċċess għall-għajnuna legali mogħtija lit-tfal kollha u lill-ġenituri/gwardjani tagħhom, u li l-avukati tat-tfal speċjalizzati jkunu disponibbli biex jirrappreżentaw lit-tfal fil-proċedimenti kemm ċivili kif ukoll kriminali.

## It-tnaqqis tat-tul tal-proċedimenti

- Sebgħa mill-10 Stati Membri tal-UE eżaminati għandhom dispożizzjonijiet legali speċifiċi biex jipprevjenu dewmien bla bżonn f'każi tal-ġustizzja tat-tfal fil-qasam kriminali, filwaqt li tliet Stati Membri biss iressqu b'ħeffa każijiet li jinvolvu lit-tfal fil-qasam ċivili, u dan iseħħ biss taħt ċerti kondizzjonijiet. L-Istati Membri tal-UE għandhom jintroduċu salvagwardji effettivi biex jiġi evitat dewmien bla bżonn.

- L-Istati Membri għandhom jintroduċu regoli ċari biex jillimitaw l-għadd globali ta' interrogazzjonijiet u seduti tas-smiġh tat-tfal permessi kemm fil-każijiet ċivili kif ukoll kriminali. L-Istati Membri tal-UE għandhom isaħħu l-kooperazzjoni bejn il-professjonisti mid-dixxiplini differenti involuti biex jitnaqqas l-għadd ta' seduti tas-smiġh.

## Il-provvista ta' regoli u linji gwida lill-professjonisti dwar kif jisimgħu lit-tfal

- Is-sejbiet mill-ġbir tad-dejta tal-FRA juru li l-prattiki tas-smiġh ġeneralment jiddependu fuq il-ħiliet professjonali individwali u jvarjaw skont il-qorti u r-reġjun. Regoli jew linji gwida standardizzati u dettaljati, bħal dawk użati fil-Finlandja jew fir-Renju Unit, jgħinu biex jitnaqqas l-għadd ta' seduti tas-smiġh u jtejbu l-komunikazzjoni mat-tfal. L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-professjonisti kollha involuti fil-proċedimenti ġudizzjarji kollha jkunu pprovduti b'regoli u linji gwida ċari u favur it-tfal dwar kif jisimgħu lit-tfal. Dawn għandhom jimxu id f'id ma' standardizzazzjoni ta' proċeduri u l-koordinazzjoni fost l-atturi differenti biex jiġu armonizzati s-seduti

## Prattika promettenti

### L-elaborazzjoni ta' linji gwida għall-interrogazzjoni tat-tfal

Fir-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales), il-Ministeru tal-Ġustizzja żviluppa linji gwida għall-interrogazzjoni tat-tfal vittmi u li huma xhieda f'rapport tal-2011. Il-linji gwida, *Il-Kisba tal-Aħjar Evidenza fil-Proċedimenti Kriminali: Gwida dwar l-interrogazzjoni tal-vittmi u tax-xhieda u gwida dwar l-użu ta' miżuri speċjali (ABE)*,\* huma maħsuba għal dawk kollha involuti fl-investigazzjonijiet rilevanti, inklużi l-pulizija, l-adulti u l-assistenti soċjali tat-tfal, u l-membri tal-professjoni legali. L-interrogazzjonijiet tal-ABE tat-tfal jistgħu jiġu rreġistrati bil-vidjo u jintwerew aktar tard minflok ix-xhieda primarja tat-tfal.

Il-Gvern Skoċċiż stabbilixxa wkoll linji gwida għal prattika tal-aħjar interrogazzjonijiet fil-pubblikazzjoni tiegħu tal-2011, *Gwida dwar l-Interrogazzjoni Investigattiva Konġunta tat-Tfal Xhieda fl-Iskożja*.\*\* Dawn il-linji gwida jippreskrivu interrogazzjonijiet irreġistrati bil-vidjo u konġunti minn uffiċjali tal-pulizija u assistenti soċjali mħarrġa apposta. Assistenti soċjali mħarrġa biex iwettqu interrogazzjonijiet investigattivi konġunti huma msieħba u kollokati ma' uffiċjali tal-pulizija biex tiġi ffaċilitata reazzjoni rapida għal talbiet ta' interrogazzjoni. Għalkemm dawn l-interrogazzjonijiet huma rreġistrati fuq vidjo, hija prattika standard li t-tfal jagħtu evidenza bil-fomm diretta.

Fil-Finlandja, kemm il-pulizija kif ukoll il-psikologi jsegwu linji gwida għas-smiġh tat-tfal u biex jinfurmawhom. Il-linji gwida ġew abbozzati miċ-Ċentru Nazzjonali ta' Riċerka u ta' Żvilupp għall-Benessri u s-Saħħa (*Sosiaali- ja terveysalan tutkimus- ja kehittämisskeskus, Stakes/Forsknings- och utvecklingscentralen för social- och hälsovården, Stakes*).\*\*\* Il-Finlandja żviluppat ukoll sett speċjali ta' linji gwida dwar l-interrogazzjoni ta' tfal li huma vittmi ta' abbuż sesswali u/jew ta' theddid u attakk fuq il-persuna.

\* *Il-Kisba tal-Aħjar Evidenza fil-Proċedimenti Kriminali: Gwida dwar l-interrogazzjoni tal-vittmi u tax-xhieda u gwida dwar l-użu ta' miżuri speċjali*: [www.justice.gov.uk/downloads/victims-and-witnesses/vulnerable-witnesses/achieving-best-evidence-criminal-proceedings.pdf](http://www.justice.gov.uk/downloads/victims-and-witnesses/vulnerable-witnesses/achieving-best-evidence-criminal-proceedings.pdf)

\*\* *Gwida dwar l-Interrogazzjoni Investigattiva Konġunta tat-Tfal Xhieda fl-Iskożja*: [www.scotland.gov.uk/Publications/2011/12/16102728/0](http://www.scotland.gov.uk/Publications/2011/12/16102728/0).

\*\*\* *Stakes 2003: Il-linji gwida dwar l-investigazzjonijiet fir-rigward ta' abbuż sesswali u ta' theddid u attakki fuq it-tfal, Opa lapsen seksuaalisen hyväksikäytön ja pahoinpitelyn selvittämisestä, mhumiex disponibbli għall-pubbliku*.


## Prattika promettenti

### L-użu ta' għodda ta' interrogazzjoni adattata għat-tfal

Bosta pajjiżi jużaw materjal qisu ġugarell biex jagħmluha aktar faċli għat-tfal biex jikkomunikaw waqt is-smiġh. Kmamar tal-interrogazzjoni adattati għat-tfal fl-għases tal-pulizija tal-Estonja jiġu mgħammra b'pupi anatomiċi li jistgħu jintlibsu jew jitneżżgħu għal każijiet ta' abbuż sesswali, għodda li tintuża minn numru ta' pajjiżi. Fil-Finlandja, l-assistenti soċjali spiss jużaw "Teddy Bear Cards" biex jgħinu lit-tfal jesprimu l-emozzjonijiet tagħhom. Verżjonijiet ta' dawn il-kards tfasslu wkoll għal tfal iktar kbar fl-età.



Finlandja, Kuovola. Materjal użat matul is-smiġh tat-tfal skont l-età u l-iżvilupp tagħhom.



Tallinn, Estonja. Pupi użati waqt is-smiġh tat-tfal.

tas-smiġh. Prattiki promettenti jistgħu jservu bħala punti ta' referenza. Skambju ta' linji gwida u ta' prattiki promettenti fl-Istati Membri tal-UE u bejniethom jgħin biex jitjebu l-proċedimenti.

### L-użu ta' faċilitajiet adattati għat-tfal għas-smiġh tat-tfal

- Anke meta kmamar adattati għat-tfal ikunu disponibbli għall-użu fi proċedimenti kriminali, dawn rarament jintużaw fil-kawżi ċivili. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kmamar tal-interrogazzjoni adattati għat-tfal ikunu disponibbli mhux biss għall-każijiet kollha tal-ġustizzja kriminali, iżda jkunu, fin-nuqqas ta' faċilitajiet oħra adattati għat-tfal, ukoll għażla għall-każijiet ċivili. Kmamar bħal dawn għandhom ikunu disponibbli f'pajjiż, anke f'żoni rurali.
- Barra minn hekk l-Istati Membri jvarjaw ħafna fil-mod kif jużaw kmamar eżistenti adattati għat-tfal, li jiddependi fuq fatturi bħall-aċċess għall-postijiet b'apparat ta' reġistrazzjoni. Huma

għandhom ineħħu l-ostakli tekniċi u loġistiċi biex jagħmlu prattika standard l-użu ta' kmamar adattati għat-tfal.

- Kmamar adattati għat-tfal normalment ikun fihom ġugarelli, reġistraturi bil-vidjo, u għodod għall-ġabra ta' evidenza, iżda l-professjonisti jgħidu li t-tagħmir huwa spiss mhux adattat skont il-grupp ta' età. L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li dawn il-kmamar ta' stennija, ta' interrogazzjoni u ta' smiġh adattati għat-tfal ikunu mgħammra biex jindirizzaw il-ftiġijiet ta' gruppi ta' etajiet differenti.

## Dritt għall-informazzjoni

Id-dritt tat-tfal involuti fi proċedimenti ġudizzjarji li jkunu infurmati huwa kruċjali għall-parteċipazzjoni effettiva u l-benesseri tagħhom. Informazzjoni konkreta offruta f' dożi żgħira u diġestibbli matul l-istadji kollha tal-proċedimenti tista' ttaffi l-ansjetà tat-tfal meta jiffaċjaw sistema tal-ġustizzja potenzjalment intimidanti għal dik li probabbli tkun l-ewwel esperjenza. Tfal infurmati sew jiksbu aktar fiduċja u kunfidenza fihom infushom u fis-sistema ġudizzjarja. Huma mbagħad iħossuhom aktar sikuri u jtkellmu aktar b'mod liberu, li tfisser li d-dikjarazzjonijiet tagħhom jiġu kkunsidrati aktar u jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod aktar sħiħ fil-proċedimenti.

*“L-opinjoni tiegħi hija li huma jkunu pjuttost beżgħana li ġejjin hawn u fil-verità ma jkunux jafu x'qed jiġrilhom, għaliex inġiebu hawnhekk u huma jkunu beżgħana, din hija l-perċezzjoni tat-tfal. Pereżempju, darba minnhom tifla żgħira staqsietni: “Int se tagħtini injezzjoni?” (ir-Rumanija, Imħallief)*

Għall-proċedimenti ġudizzjarji kriminali, id-dritt għall-informazzjoni huwa minqax fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri tal-UE kollha studjati ħliel l-Iskozja fir-Renju Unit. L-interrogazzjonijiet juru, madankollu, li hemm varjazzjoni sinifikanti fil-mod kif it-tfal jiġu infurmati, fir-rigward ta' x'informazzjoni tingħata, meta u minn min. Id-dritt għall-informazzjoni huwa anqas irregolat fil-proċedimenti ġudizzjarji ċivili, fejn il-professjonisti legali u soċjali għandhom aktar libertà jiġġudikaw liema informazzjoni għandha tingħata lit-tfal.

*“[L-informazzjoni] hija importanti ħafna għax jekk aħna ma nikkomunikawx id-drittijiet tat-tfal, it-tfal ma jkunux jistgħu jsiru jafu dwarhom minn post ieħor. [...] Nemmen li huwa ta' vantaġġ għat-tfal li jkunu jafu li huma jistgħu jibbenefikaw minn xi ħaġa, dan jippermetti li t-tfal ikunu jridu u jixtiequ jibbenefikaw minnha.” (ir-Rumanija, Psikologu)*

Ġeneralment il-ġenituri huma l-ewwel li jirċievu informazzjoni dwar il-proċedimenti u għandhom rwol ewlieni biex jipprovduha. Huma ta' spiss mistennija li jaġixxu bħala l-infurmatu primarju, fejn jispjegaw il-materjal lit-tfal tagħhom, anki meta dik l-istess informazzjoni tintbagħat ukoll direttament lil uliedhom. Din il-prattika kienet kwistjoni kkontestata fost il-professjonisti intervistati, peress li l-influenza tal-ġenituri aktarx li tkun preġudikata, b'mod partikolari fil-proċedimenti ċivili.

*“Huwa veru li xejn mhuwa ppjanat. Aħna ma tantx ninkwietaw biex inkunu nafu x'informazzjoni ngħatat lit-tfal.” (Franza, Prosekutur)*

Meta niġu għal x'tip ta' informazzjoni għandha tingħata, il-professjonisti kemm fil-qasam tal-ġustizzja kriminali kif ukoll dik ċivili qablu li t-tfal

għandhom jiġu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom, l-istadji tal-proċedimenti, x'għandhom jistnew mis-smiġ u d-disponibbiltà ta' miżuri protettivi. Diversi professjonisti ddiskutew kif għandu jinstab il-bilanċ ġust bejn tfal infurmati sew u li ma jiġux mgħarrqa bl-informazzjoni. Informazzjoni konkreta li tintfiehmet tista' tnaqqas l-ansjetà, filwaqt li ammont żejjed ta' informazzjoni jista' jżidha.

*“It-tfal irid ikollhom xi informazzjoni, iżda jeħtieġ li tkun mogħtija f'ċerti dożaġġi.” (L-Estonja, Avukat)*

L-età u l-livell ta' żvilupp tat-tfal jaffettwaw il-kapaċità tagħhom li jifhmu l-informazzjoni dwar il-proċedimenti. Għalhekk, l-informazzjoni għandha tkun imfassla skont l-età, il-fażi ta' żvilupp, l-isfond u l-kundizzjoni psikoloġika tat-tfal. Il-professjonisti qablu li t-tfal jeħtieġ li jingħataw informazzjoni adegwata u li anke tfal żgħira ħafna kapaċi jifhmu l-importanza tax-xhieda tagħhom. Madankollu, il-professjonisti kienu tal-fehma li t-tfal iktar żgħira kienu meħtieġa jifhmu biss il-proċess ġenerali u r-rwol tagħhom fih, mhux id-dettalji legali fini.

Il-kanali użati biex tingħata l-informazzjoni jvarjaw minn materjal online li jiġgwidu lill-professjonisti kif u dwar xi ħaġa infurmati t-tfal, ittri ta' taħrika jew ittri informattivi miktuba li huma maħsuba għall-adulti, spjegazzjonijiet bil-fomm mogħtija lit-tfal dwar id-drittijiet tagħhom, jew libretti ta' informazzjoni speċifikament żviluppanti għat-tfal ta' gruppi ta' età u sfond ta' lingwa differenti. Il-ġenituri u l-professjonisti li jagħtu appoġġ lit-tfal (l-assistenti soċjali, ir-rappreżentanti legali) għandhom ukoll jirċievu l-materjal ta' informazzjoni ppreparat għat-tfal, biex ikunu jistgħu jwasslu l-informazzjoni b'lingwaġġ sempliċi u aċċessibbli.

*“Kull persuna ġdida li tidħol għandha approċċ differenti lejn it-tfal, din għandha opinjoni u fehma differenti tal-ħidma li għandha titwettaq [...] l-affarijiet ma jaħdmux b'mod effettiv. Pereżempju, kieku sena ilu kellna każ fuq xi ħaġa [...] u xi kollega (jew jien) ħdimna mat-tfal, imbagħad, jekk xi żmien wara dan, kollega ġdida jkollha ċitazzjoni l-informazzjoni b'mod differenti. It-tfal jistgħu jkunu konfużi, jew it-tifla jew it-tifla jistgħu ma jkunux konfużi.” (il-Bulgarija, Assistent soċjali)*

Id-dritt għall-informazzjoni ma japplikax biss meta t-tfal ikunu diġà involuti fi proċedimenti ġudizzjarji, iżda wkoll qabel ma jibdeu il-proċedimenti, biex jiġu sensibilizzati dwar id-dritt tagħhom li jinstemgħu dwar kwistjonijiet li jaffettwawhom. Franza tiefha approċċ komprensiv.

Ir-rispondenti sostnew li s-sodisfazzjon globali tad-dritt tat-tfal għall-informazzjoni fi proċedimenti kemm kriminali kif ukoll ċivili jista' jittjieb. Jekk il-materjal ta' informazzjoni ikun adattat għall-ħtiġijiet

## Prattika promettenti

### L-informazzjoni u l-pariri legali jsiru aċċessibbli għat-tfal legali

Fi Franza, ġew stabbiliti punti ta' kuntatt f'diversi bliet fejn it-tfal jista' jkollhom aċċess għal avukati speċjalizzati għall-informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom, u pariri u appoġġ dwar kwistjonijiet legali ċivili jew kriminali. Dawn il-laqgħat huma bla ħlas u kunfidenzjali, u spiss joffru servizzi ta' żjarat informali, kif ukoll hotlines u sessjonijiet ta' sensibillizzazzjoni fl-iskejjel.



Dan ir-reklam huwa għal programm ta' avukat tat-tfal (Avoc'enfants), fejn it-tfal u ż-żgħażaġ involuti f'każijiet ċivili jew kriminali jistgħu jagħmlu kuntatt ma' avukat li jspeċjalizza fi kwistjonijiet tat-tfal biex jingħataw pariri u informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom.

tat-tfal, fejn jiġu kkunsidrati l-età u l-livell ta' maturità tagħhom, u s-servizzi ta' informazzjoni speċifiċi jkunu disponibbli, bħal żjarat qabel il-proċess, it-tfal iħossuhom aktar sikuri u jitkellmu aktar b'mod liberu, li jfisser ukoll li d-dikjarazzjonijiet tagħhom ikunu aktar ikkunsidrati.

### Proċeduri obligatorji dwar kif it-tfal jiġu infurmati meta, dwar xiex u minn min

- Kemm fil-liġi kriminali kif ukoll dik ċivili, il-professjonisti ġeneralment jikkunsidraw l-oqfsa nazzjonali wisq ġeneriċi. Dawn m'għandhomx dettalji dwar fejn, meta, fuq xiex, kif u minn min it-tfal għandhom jiġu infurmati. L-informazzjoni mogħtija għalhekk tvarja, u spiss tħalli lit-tfal infurmati b'mod inadegwat. L-Istati Membri u, kif xieraq, l-UE għandhom jiżguraw li d-dritt għall-informazzjoni jkun iggarantit għat-tfal kollha u għall-proċedimenti ġudizzjarji kollha permezz ta' dispożizzjonijiet statutorji.
- L-għoti ta' informazzjoni dwar id-deċiżjoni tal-qorti jidher li huwa l-element l-aktar dgħajjef fl-Istati Membri studjati. L-informazzjoni wara l-proċess għandha tinkludi referenza ċara għad-drittijiet tat-tfal u l-għażliet disponibbli għalihom, inklużi d-drittijiet ta' appell u ta' servizzi ta' kura ta' wara. Din l-informazzjoni għandha dejjem tingħata b'lingwaġġ adattat għat-tfal u b'format xieraq skont l-età u l-maturità tagħhom.
- L-obbligu li tingħata l-informazzjoni lit-tfal fil-qasam tal-ġustizzja ċivili huwa saħansitra inqas

prominenti milli fil-qasam tal-ġustizzja kriminali. Qabel ma jilħqu l-età ta' kapaċità legali, it-tfal huma prinċipalment informati permezz tal-ġenituri jew tar-rappreżentanti legali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw isafħu r-rwol tal-psikologi u l-professjonisti soċjali rilevanti f'dawn id-dispożizzjonijiet u l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-informazzjoni mogħtija lit-tfal.

## Prattika promettenti

### It-tfal vittmi jingħataw informazzjoni dwar l-eżitu tal-proċedimenti

Fil-Ġermanja, l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Vittmi tal-1986 u żewġ Atti dwar ir-Riformi dwar id-Drittijiet tal-Vittmi saħħew id-drittijiet tal-vittmi u tax-xhieda. Dawn jinkludu l-obbligu li l-vittmi jiġu informati dwar il-verdett finali u li jiġi żgurat li jkollhom aċċess għall-fajls tal-qorti. Bl-istess mod, il-prattika fil-Finlandja tiżgura li t-tfal vittmi jkunu informati dwar l-eżitu tal-proċedimenti. Il-verdett għall-vittmi taħt il-15-il sena jingħata lill-avukat jew lill-gwardjan legali tat-tfal. L-avukat imbagħad huwa responsabbli biex jinforma lit-tfal u lill-familja. Il-gwardjan jew l-avukat jinformaw ukoll lit-tfal dwar l-aspetti prattiċi kollha ta' verdett, pereżempju l-ħlas tad-danni. Jekk it-tfal ikollhom aktar minn 15-il sena, il-verdett jingħata lilhom personalment.



## Id-disponibbiltà ta' servizzi ta' appoġġ biex it-tfal u l-ġenituri tagħhom jiġu informati b'mod xieraq

- Servizzi ta' appoġġ, b'mod partikolari servizzi ta' appoġġ għall-vittmi u għax-xhieda, għandhom rwol importanti fl-għoti ta' informazzjoni għat-tfal u l-ġenituri tagħhom, fit-tnejnija tat-tfal għal seduti ta' smiġh, billi jakkumpanjawhom tul il-proċedimenti, jimmonitorjaw kemm qed jifhmu u jiżguraw il-protezzjoni ġenerali tagħhom. Is-servizzi tagħhom jistgħu jinkludu żjajjar qabel il-proċess biex jiffamiljarizzaw lit-tfal mal-qrati, żjarat fid-djar, u appoġġ mogħti qabel, matul u wara l-proċess. L-Istati Membri tal-UE u, kif xieraq, l-UE għandhom jiżguraw li s-servizzi ta' appoġġ ikunu stabbiliti u disponibbli għat-tfal kollha li jipparteċipaw fil-proċedimenti ġudizzjarji.

### Prattika promettenti

#### Il-provvista ta' intermedjarju għall-interrogazzjonijiet u s-smiġh

L-intermedjarji huma żieda importanti mal-miżuri ta' appoġġ legali disponibbli għat-tfal fir-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales). Intermedjarju jista' jassisti fl-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-interrogazzjoni tal-pulizija, jipprovdi rapport bil-miktub lill-qorti dwar il-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni tat-tfal u jagħti pariri waqt is-smiġh tat-tfal jekk l-interrogazzjoni ma tkunx xierqa. L-ispiża u d-disponibbiltà limitata ta' intermedjarji, madankollu, majhallux li dawn isiru miżura ta' appoġġ standard. Filwaqt li intermedjarji rreġistrati qegħdin jintużaw dejjem aktar biex jagħtu appoġġ lit-tfal żgħar ħafna jew lit-tfal b'diżabbiltà speċifika li tagħmel il-komunikazzjoni diffiċli, dawn mhumiex ġeneralment disponibbli għaż-żgħażaġh li m'għandhomx vulnerabbiltà addizzjonali. Madankollu, l-imħallfin jirrapportaw li huma ġew imħeġġa mill-esperjenza tagħhom ma' intermedjarji, biex iwaqqfu tekniki ta' interrogazzjoni mhux xierqa anki fl-assenza ta' intermedjarju.

Għal informazzjoni addizzjonali, ara l-Att dwar il-Ġustizzja u l-Evidenza Kriminali taż-Żgħażaġħ tal-1999, [www.legislation.gov.uk/ukpga/1999/23/contents](http://www.legislation.gov.uk/ukpga/1999/23/contents)

- Għalkemm ħafna mill-Istati Membri joffru servizzi ta' appoġġ, hemm perċezzjoni komuni, b'mod partikolari fost il-professjonisti soċjali, li għandu jkun hemm aktar impenn. L-Istati Membri fejn ma jeżisti l-ebda rekwiżit obligatorju għall-proċeduri ta' informazzjoni jidher li jif-fokaw il-programmi ta' appoġġ tagħhom fuq każijiet severi u fuq tipi speċifiċi ta' reati kriminali, bħat-traffikar jew l-abbuż sesswali, u fuq

il-vittmi, mhux neċessarjament fuq ix-xhieda. Barra minn hekk, it-tfal u l-ġenituri tagħhom spiss ma jingħatawx informazzjoni suffiċjenti dwar is-servizzi ta' appoġġ disponibbli għalihom u għalhekk ma jkunux jistgħu jieħdu vantaġġ mill-benefiċċji tagħhom. Għandhom jittieħdu passi biex jiġi żgurat li informazzjoni dwar servizzi ta' appoġġ u kif persuna tista' taċċedi għalihom, tiġi kkomunikata lit-tfal u lill-ġenituri jew lill-gwardjani tagħhom. L-Istati Membri għandhom ukoll jirrikonossu r-rwol importanti li l-ġenituri għandhom fl-għoti ta' informazzjoni u l-appoġġ għat-tfal, billi jappoġġjaw sforzi biex jiżiedu l-għarfien u l-appoġġ tal-ġenituri.

## Persuna unika responsabbli għall-preparazzjoni, l-għoti ta' informazzjoni u l-appoġġ għat-tfal qabel, matul u wara l-proċedimenti ġudizzjarji

- Kemm fil-liġi kriminali kif ukoll dik ċivili, l-oqsfa nazzjonali huma ġeneralment wisq ġeneriċi u ma jispeċifikawx min għandu jinforma lit-tfal. Għalhekk, il-ġenituri jistgħu jitħallew jipprovdu l-informazzjoni, irrISPETTIVAMENT minn jekk huma stess humiex informati tajjeb jew humiex partizijiet newtrali. F'każijiet oħra, il-professjonisti jistgħu jiżviluppaw il-prattiki tagħhom stess, li spiss ikunu differenti. L-Istati Membri u, kif xieraq, l-UE għandhom jiżguraw li l-professjonisti jkunu pprovduti b'regoli u linji gwida ċari biex jinformaw lit-tfal, biex jiġi ggarantit approċċ favur it-tfal konsistenti u standardizzati. Dan jeħtieġ ukoll taħriġ xieraq għall-professjonisti kollha li jinformaw lit-tfal.
- Ir-riċerka turi li t-tfal ma jkunux informati biżżejjed jekk ma jkunx hemm professjonista uniku assenjat bħala persuna li sservi ta' punt ta' kuntatt biex tinformahom u tippreparahom tul il-proċedimenti. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-ħatra ta' persuna responsabbli bħal din. Din il-persuna għandha tkun imħarrġa biżżejjed u disponibbli fl-istadji kollha tal-proċedimenti, u taġixxi bħala intermedjarju bejn it-tfal u s-servizzi ta' appoġġ u ta' protezzjoni tat-tfal, l-uffiċjali tal-pulizija, l-imħallfin, il-prosekuturi u l-avukati u l-ġenituri. Il-professjonisti soċjali huma kkunsidrati adattati sew għal dan ir-rwol, peress li huma jistgħu jagħtu appoġġ lit-tfal ħafna aktar minn imħallfin u professjonisti legali oħra. Jekk punt ta' kuntatt uniku ma jkun disponibbli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-atturi differenti li għandhom responsabbiltajiet ta' informazzjoni jikkordinaw b'mod effiċjenti bejniethom.

## Id-disponibbiltà ta' informazzjoni adattata għat-tfal

- Għadd ta' pajjiżi żviluppaw materjali adattati għat-tfal biex jispjegaw il-proċess legali, id-drittijiet tat-tfal, ir-rwoli ta' dawk involuti, ittri ta' taħrika u notifiki legali tat-tfal u dak li t-tfal se jesperjenzaw fil-qorti. Oħrajn sempliċiment jagħtu lit-tfal l-istess materjal użat biex jinformat lill-adulti u anke dan jista' ma jkunx disponibbli b'mod sistematiku. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli standardizzati ċari għall-għoti ta' informazzjoni adattata għat-tfal lit-tfal involuti fil-proċedimenti ġudizzjarji kollha, biex jiġi żgurata it-trattament ugwali tagħhom. Huma għandhom jużaw varjetà ta' kanali u formati, bħall-fuljetti disponibbli online u stampati, u inkluża informazzjoni bil-miktub u bil-fomm. Materjal li diġà ġie żviluppata għandu jiġi kondiviż u użat, fi ħdan u bejn l-Istati Membri tal-UE.

### Prattika promettenti

#### Il-provvista ta' libretti informativi adattati għat-tfal

L-Amministrazzjoni Skoċċiża Children's Reporter żviluppata firxa ta' fuljetti għat-tfal dwar sistema tas-Smigħ tat-Tfal u r-rwol tagħhom fiha. Dawn huma disponibbli għall-gruppi ta' etajiet differenti: minn ħames sa tmien snin; minn tmien snin sa 12-il sena; u minn 13-il sena 'l fuq.\* L-Children's Reporter tibgħat dawn il-fuljetti lit-tfal (jew, fil-każ ta' tfal taħt it-12-il sena, lill-ġenituri tat-tfal) fl-istess ħin li dan jibgħat ir-“Raġunijiet għal Riferiment”. L-assistent soċjali jibbaża d-diskussjonijiet mat-tfal fuq dawn il-materjali, fejn jispjega dak li se jiġri fis-seduta tas-smigħ u jwieġeb għal kull mistoqsija. Skont l-età u l-abbiltà tat-tfal, l-assistent soċjali jista' juża t-terapija permezz tal-logħob. L-Amministrazzjoni Skoċċiża Children's Reporter wettqet riċerka mat-tfal dwar l-effikaċja tad-difiża tat-tfal attwali tagħha, fejn sabet li t-tfal ma ngħatawx biżżejjed informazzjoni. L-amministrazzjoni fasslet proġett biex tirrevedi l-materjali tagħha bil-kontribut tat-tfal li kellhom esperjenza fis-sistema.\*\*

\* Libretti Skoċċiżi: [www.scotland.gov.uk](http://www.scotland.gov.uk)

\*\* *Getting It Right For Every Child – Children and young people's experiences of advocacy support and participation in the Children's Hearings System: Big Words and Big Tables.* [www.gov.scot/Publications/2006/04/27142650/0](http://www.gov.scot/Publications/2006/04/27142650/0)

## Id-dritt għall-protezzjoni u l-privatezza

L-istandards internazzjonali b'mod ċar jagħtu priorità lill-protezzjoni tat-tfal involuti fi proċedimenti ġudizzjarji, filwaqt li fl-istess ħin jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tagħhom. Ambjent protettiv u sikur huwa meħtieġ biex it-tfal jipparteċipaw b'mod sħiħ u effettiv u biex tiġi evitata kwalunkwe trawmatizzazzjoni mill-ġdid potenzjali.

Il-miżuri għall-protezzjoni tat-tfal jeżistu fuq livelli differenti ħafna tul il-proċedimenti, u l-implimentazzjoni tagħhom għandha titqies bħala mod ewlieni kif tiġi żgurata l-ġustizzja favur it-tfal. Huma rilevanti biex jiżguraw id-dritt tat-tfal li jinstemgħu u jiġu informati b'mod mhux diskriminatorju, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-aħjar interessi tat-tfal, li jinkludu miżuri biex jiproteġu l-privatezza tagħhom. B'mod ġenerali, l-eżistenza ta' prattiki favur it-tfal li huma konsistenti u sistematiki u li jseguw regolamenti u linji gwida ċari, iżżid il-probabbiltà li t-tfal ikunu protetti u sikuri. Madankollu, il-professjonisti jsostnu li f'ċerti oqsma l-flessibbiltà hija importanti biex ikunu jistgħu jadattaw l-approċċ tagħhom abbażi ta' kull każ individwali.

*“Bla dubju inti ma tistax tkun ċert, li din [l-informazzjoni] dejjem toħloq sigurtà, pjuttost l-oppożt, tista' saħansitra toħloq aktar ansjetà. F'ċertu sens aħna m'għandniex naħsbu żżejjed dwarha bħala adulti, li t-tfal għandhom ikunu protetti. Bla dubju, inevitabbilment trid taħseb dwar dak l-element ukoll, li l-funzjoni ta' protezzjoni tat-tfal hija aktar importanti mill-funzjoni li t-tfal ikunu parti mill-każ. [...] Iżda mbagħad jekk inti titkellem biss dwar il-każ u kif se jiżvolġi, m'għandu qatt ikun hemm problemi f'dan.”* (il-Finlandja, Gwardjan (speċjalista ieħor))

Is-sejbiet mill-ġbir tad-dejta tal-FRA u l-ġbir tad-dejta tal-Kummissjoni Ewropea juru li l-maġġoranza assoluta tal-Istati Membri studjati għamlu sforzi sinifikanti biex iżommu lit-tfal li qed jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali sikuri mill-periklu u jiproteġu l-privatezza tagħhom. Id-drittijiet tat-tfal għall-protezzjoni u l-privatezza jidheru li huma l-aktar avvanzati kemm minn perspettiva strutturali kif ukoll proċedurali. Id-dritt tat-tfal għall-privatezza huwa rregolat ukoll f'diversi forum fil-liġi ċivili.

Miżuri preventivi għandhom jiġu adottati biex iżommu lit-tfal sikuri minn azzjonijiet ħżiena bħal rapreżalji, intimidazzjoni u vittimizazzjoni mill-ġdid. Dawn il-miżuri huma partikolarment importanti meta t-tfal ikunu vittmi ta' vjolenza domestika jew ta' abbuż minn persuni mill-qrib li jieħdu ħsiebhom. Il-privatezza tat-tfal ukoll hija f'riskju serju meta dawn jiġu f'kontatt mas-sistema ġudizzjarja, b'mod speċjali meta l-każ jiġbed l-attenzjoni tal-midja. Meta wieħed jikkunsidra dan, il-Linji gwida

tal-Kunsill tal-Ewropa jistabbilixxu firxa ta' salvagwardji biex jiġi żgurati li l-privatezza tat-tfal tkun protetta b'mod sħiħ. B'mod partikolari, l-informazzjoni personali dwar it-tfal u l-familji tagħhom, inklużi l-ismijiet, l-immaġni u l-indirizzi, m'għandhomx jiġu ppubblikati mill-midja. L-użu ta' kameras tal-vidjo għandu jiġi mħeġġeġ kull meta t-tfal ikunu qed jinstemgħu jew jixhdu. F'dawn il-każijiet, il-persuni preżenti għandhom ikunu limitati għal dawk li huma direttament involuti, u kwalunkwe informazzjoni mogħtija mit-tfal għandha tinżamm kunfidenzjali jekk ikun hemm riskju li t-tfal jistgħu jweġġgħu. Barra minn hekk, l-aċċess għal dejta personali u t-trasferiment tagħha għandhom isefħu biss meta jkun assolutament meħtieġ, u b'kunsiderazzjoni għall-aħjar interessi tat-tfal.

## Sistemi ta' protezzjoni tat-tfal

- L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal involuti fi proċedimenti ġudizzjarji jiġu ttrattati bħala persuni li jeħtieġu protezzjoni speċjali, billi jiġi kkunsidrati l-età tagħhom, il-maturità, il-livell ta' għarfien u kwalunkwe diffikultà ta' komunikazzjoni li jista' jkollhom. Sistemi ta' protezzjoni tat-tfal għandhom ikunu bbażati fuq approċċ integrat u mmirat li jikkunsidra mhux biss il-ħtieġijiet speċjali tat-tfal b'mod ġenerali, iżda wkoll kwalunkwe vulnerabbiltà oħra, bħal fil-każ ta' vittmi jew xhieda ta' abbuż sesswali jew ta' vjolenza domestika, dawk b'diżabbiltà jew bi status ta' migrant. Dan jinkludi t-tisħiħ ta' sistema ta' professjonisti inkarigati mill-każijiet relatati mat-tfal, b'kompetenza fil-protezzjoni u s-sikurezza tat-tfal u l-kapaċità biex jgħinu jidentifikaw kwalunkwe ħtieġa ta' protezzjoni speċifika. L-ippjanar tal-politika tal-UE għandu jiffoka fuq il-provvista ta' gwida għal sistemi ta' protezzjoni tat-tfal effettivi u kkoordinati.

### Prattika promettenti

#### Il-protezzjoni tal-identità tat-tfal online

Fl-Estonja, id-dokumenti tal-Qorti disponibbli għall-pubbliku (inkluż fuq il-websajt tal-qorti) ma jipubblikawx dettalji li jidentifikaw lit-tfal, billi jirreferu għat-tfal biss bl-inizjali tagħhom.

Il-liġijiet Franċiżi dwar il-libertà tal-istampa wkoll jordnaw il-protezzjoni kontra l-iżvelar pubbliku tal-ismijiet tat-tfal vittmi.

Sors: *Loi du 29 juillet 1881 sur la liberté de la presse (1881), Article 39 bis*

## It-twaqqif ta' salvagwardji proċedurali biex tiġi żgurata l-protezzjoni tat-tfal

- L-oqfsa legali nazzjonali jipprevedu varjetà ta' miżuri ta' protezzjoni għas-smiġ tal-qorti li għandhom jiġu kkunsidrati bażiċi biex tiġi żgurata l-ġustizzja favur it-tfal. Fil-prattika, madankollu, dawn il-miżuri spiss ma jintużawx biżżejjed u ġeneralment jitħallew għad-diskrezzjoni tal-imħallfin. Xi wħud jistgħu wkoll ikunu limitati minħabba l-età jew ir-rwol tat-tfal fil-proċedimenti, għax pereżempju jkopruhom bħala vittmi, iżda mhux bħala xhieda. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu salvagwardji proċedurali u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tagħhom biex jiġi żgurati li t-tfal kollha involuti fil-proċedimenti ġudizzjarji kollha jkunu protetti minn dannu, trawmatizzazzjoni mill-ġdid u identifikazzjoni potenzjali qabel, matul u wara l-proċedimenti.
- Miżuri protettivi bħal dawn jinkludu reġistrazzjonijiet bil-vidjo, liema użu għandu jkun prattika standard fi proċedimenti kriminali u prattika fakultattiva fil-proċedimenti ċivili. L-ambjent ukoll għandu jkun adattat biex jiġi limitat in-numru ta' interrogazzjonijiet, tiġi irregolata l-preżenza ta' professjonisti, jingħata aċċess għal servizzi ta' appoġġ u għal persuni ta' appoġġ għat-tfal b'mod regolari matul u wara l-proċedimenti.
- L-għases tal-pulizija, il-bini tal-qorti, u postijiet oħrajn fejn jinstemgħu t-tfal għandhom ikunu mgħammra b'teknoloġija tar-reġistrazzjoni li taħdem, u l-professjonisti għandhom ikunu mħarrġa fl-użu tagħha. Jeħtieġ li jiġu allokati b'mod xieraq ir-riżorsi umani u finanzjarji.
- Il-miżuri ta' protezzjoni tal-identità għandhom jipproteġu l-privatezza tat-tfal involuti fil-proċedimenti ġudizzjarji, bħall-iżgurar li r-reġistrazzjonijiet ikunu maħżuna b'mod sikur b'attenzjoni xierqa għal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data.
- L-Istati Membri għandhom mhux biss jistabbilixxu miżuri biex jiġi evitat kuntatt mal-konvenut matul is-seduti (bħal links diretti bil-vidjo, skrins biex jipproteġu t-tfal mill-konvenut, jew il-konvenut jinħareġ mill-awla waqt ix-xhieda tat-tfal), iżda wkoll qabel u wara s-seduti. L-Istati Membri u, kif xieraq, l-UE għandhom jiżguraw ambjent adattat għat-tfal għall-istadji kollha tal-proċedimenti u li l-qrati u l-għases tal-pulizija kollha jkunu mgħammra b'kmamar ta' stennija adattati għat-tfal u b'entraturi separati. Dawn għandhom jintużaw b'mod sistematiku biex jipproteġu t-tfal milli jiltaqgħu mal-allegat awtur jew ma' membru tal-familja f'kunflitt mat-tfal,

u biex it-tfal jiġu salvagwardjati minn ambjent aħrax waqt li qed jistennew biex jinstemgħu.

### Prattika promettenti

#### Il-prevenzjoni ta' kuntatt bejn it-tfal u l-konvenut

Iċ-Ċentru ta' Appoġġ għall-Vittmi ta' Tartumaa (*Tartumaa Ohvriabikeskus*) fl-Estonja waqqaf entratura separata fuq in-naħa ta' wara tal-bini għal tfal ferm trawmatizzati. Xi awli fil-Finlandja għandhom ukoll entraturi separati, u entraturi separati u kmamar ta' stennija huma aspetti apprezzati ħafna tal-qrati fir-Renju Unit.



I-Estonja. Entratura separata fuq in-naħa ta' wara tal-bini ta' Ċentru ta' Appoġġ għall-Vittmi ta' Tartumaa.

## Id-dritt għal non-diskrimazzjoni

Il-Linji gwida tal-Kunsill tal-Ewropa jidentifikaw in-non-diskrimazzjoni, l-aħjar interessi tat-tfal, id-dinjità u l-istat tad-dritt bħala l-prinċipji fundamentali tal-ġustizzja favur it-tfal. Il-professjonisti intervistati ddikjaraw li n-non-diskrimazzjoni hija ta' importanza partikolari għat-tfal b'diżabilità jew li għandhom sfond nazzjonali jew etniku differenti.

Minkejja d-dispożizzjonijiet legali eżistenti fir-rigward tat-ttrattament ugwali, ir-rispondenti enfasizzaw l-eżistenza ta' problemi li jikkonċernaw tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, li n-natura tagħhom tvarja skont il-pajjiż. F'xi pajjiżi r-rispondenti ffukaw fuq it-ttrattament tat-tfal Roma, f'oħrajn fuq vittmi tat-traffikar. Fil-każijiet kollha, ir-rispondenti enfasizzaw il-ħtieġa li jkun hemm adattament għall-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal u esprimew tħassib dwar in-nuqqas ta' kompetenza tal-persuni f'kuntatt mat-tfal u l-aċċessibilità tal-ambjent.

*"[...] M'hemm l-ebda sistema li tiegħu ħsieb dawk it-tfal [b'diżabilità] fis-sistema, kulħadd jgħaddi l-problema lil ħaddieħor. [...] Jien ngħid li hekk kif aħna nħabbtu wiċċna ma' tfal b'dawn il-problemi u li għandhom bżonn partijiet interessati differenti – soċjali, mediċi, edukattivi u ġudizzjarji – b'mod immedjat naraw il-falliment tas-sistema li ma kinitx maħsuba biex tiegħu ħsieb dawn it-tfal."* (Franza, Prosekutor)

It-tfal għandhom jiġu ttrattati b'mod ugwali fil-proċedimenti ġudizzjarji irrispettivament mis-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-espressjoni tal-ġeneru. L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lit-tfal f'sitwazzjonijiet partikolarment vulnerabbli, bħal dawk li jgħixu fil-faqar estrem jew tfal migranti separati.

#### L-iżgurar li t-tfal kollha involuti fil-proċedimenti ġudizzjarji jiġu ttrattati b'mod ugwali

- L-Istati Membri u, kif xieraq, l-UE għandhom jiżguraw li s-salvagwardji proċedurali rilevanti kollha u s-servizzi kollha pprovduti lit-tfal qabel, matul u wara l-involvement tagħhom fil-proċeduri ġudizzjarji jittrattaw lit-tfal b'mod ugwali. Id-dejta dwar l-aċċess tat-tfal għall-ġustizzja għandha tkun disponibbli għat-tfal kollha, maqsuma skont il-gruppi (bħal tfal f'sitwazzjonijiet partikolarment vulnerabbli), biex jiġi żgurat approċċ immirat u tiġi mmonitorjata l-aċċessibilità tal-ġustizzja.
- Ir-rispondenti qajmu tħassib dwar in-nuqqas ta' kompetenza fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mad-diversità, li jistgħu jagħmlu s-servizzi anqas aċċessibbli. Il-professjonisti kollha għandhom ikunu konxji tal-vulnerabbiltajiet differenti li t-tfal jista' jkollhom u jew jiddelegaw jew jaħdmu ma' esperti fuq dawn il-vulnerabbiltajiet. Għandhom jiddaħħlu linji gwida u protokoll biex jiggwidaw lill-professjonisti f'dawn il-proċeduri, u għandhom jiffurmaw parti minn pakketti dwar miżuri ta' protezzjoni u ta' sikurezza.
- Ir-rispondenti Brittaniċi kkunsidraw b'mod favorevoli l-inizjattiva tar-Renju Unit biex tittraduċi l-materjal adattat għat-tfal eżistenti f'lingwi differenti. Huma indikaw prattiki pożittivi oħra, li jinkludu uffiċjali tal-pulizija nisa li jinterrogaw bniet vittmi ta' abbuż sesswali u l-linji gwida tal-prosekuturi tar-Renju Unit dwar kif jinterrogaw persuni b'diżabbiltà intellettuali. L-Istati Membri

għandhom jiżguraw li linji gwida u dispożizzjonijiet speċifiċi jirregolaw u jispeċifikaw kif għandu jingħata appoġġ lil tfal involuti fi proċeduri ġudizzjarji, anke permezz tal-provvediment ta' informazzjoni adegwata f'lingwa u f'forma li huma jistgħu jifhemu, b'kunsiderazzjoni għal ħtiġijiet ta' interpretazzjoni u traduzzjoni jew għal barrieri marbuta ma' diżabbiltà fiżika jew diżabbiltà oħra.

- L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja u tingħata l-għajjuna legali meħtieġa, ir-rappreżentanza u l-appoġġ legali għat-tfal f'sitwazzjonijiet partikolarment vulnerabbli.

## L-ATTIVITÀ TA' FRA

### L-enfasi fuq l-ostilità kontra t-tfal b'diżabbiltà

L-ostilità mmirata kontra t-tfal b'diżabbiltà hija qasam li jippreżenta lakuni enormi fid-dejta fl-Istati Membri tal-UE. L-FRA ħasbet f'proġett innovattiv biex tindirizza n-nuqqas ta' rappurtar ta' abbuż, in-nuqqas ta' appoġġ u n-nuqqas ta' għarfien tad-drittijiet fost it-tfal b'diżabbiltà u biex jiġu ppjanati Prattiki li jindirizzaw dawn il-problemi.

Informazzjoni komparattiva komprensiva dwar il-leġiżlazzjoni, il-politiki u s-servizzi disponibbli fl-UE se tgħin lill-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri tal-UE u lis-soċjetà ċivili biex jikkumbattu b'mod effiċjenti din l-ostilità. Ir-rapport se jkun disponibbli fl-2015.

Għal aktar informazzjoni, ara: <http://fra.europa.eu/en/project/2012/children-disabilities-targeted-violence-and-hostility>

## Il-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal

Il-Linji gwida tal-Kunsill tal-Ewropa jidentifikaw l-aħjar interessi tat-tfal bħala wieħed mill-erba' prinċipji fundamentali tal-ġustizzja favur it-tfal.

Iżda għalkemm il-kunċett tal-aħjar interessi tat-tfal huwa inkorporat fi ħdan il-qafas normattiv tal-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE studjati, il-maġġoranza tar-rispondenti qisuh bħala terminu kumpless u vag, soġġett għal interpretazzjoni, u ssuġġerew li hemm nuqqas ta' għodod li jidentifikaw, jevalwaw u jirrapportaw dwar kif dawn l-aħjar interessi setgħu ġew issodisfati. Huma kkritikaw in-nuqqas ta' definizzjoni konkreta, li huma qalu jista' jwassal għal manipulazzjoni, suġġettività u deċizzjonijiet meħuda li fil-fatt ma jipproteġux id-drittijiet tat-tfal.

*“L-aħjar interessi tat-tfal f'liema sens? Fil-liġi kriminali l-aspett importanti huwa l-verità, il-verità oġġettiva. Għat-tfal dan ifisser li jekk hu jew hi huma vittmi ta' reat, l-awtur għandu jiġi kkastigat.” (Bulgarija, Imħallef)*

Il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal<sup>1</sup> jindika li “deċizzjoni ta' adult fir-rigward tal-aħjar interessi tat-tfal, ma tistax tipprevali fuq l-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet kollha tat-tfal skont il-Konvenzjoni. Huwa jfakkar li m'hemm l-ebda ġerarkija tad-drittijiet fil-Konvenzjoni; id-drittijiet kollha previsti fiha huma fl-“aħjar interessi tat-tfal” u l-ebda dritt ma jista' jiġi kompromess minn interpretazzjoni negattiva tal-aħjar interessi tat-tfal.”

Biex jiġu ffaċilitati l-għarfien u l-użu ta' dan il-prinċipju, il-Kumitat jiddefinixxi seba' elementi li għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġu evalwati l-aħjar interessi tat-tfal: id-dritt tat-tfal li jesprimu l-fehmiet tagħhom f'kull deċizzjoni li taffettwa lilhom; l-identità tat-tfal; il-preservazzjoni tal-ambjent tal-familja u ż-żamma tar-relazzjonijiet; il-kura, il-protezzjoni u s-sikurezza tat-tfal; is-sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà; id-dritt għas-saħħa; u d-dritt għall-edukazzjoni.

## L-applikazzjoni tal-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal

- L-implimentazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal tir-rigwarda l-implimentazzjoni tad-drittijiet tat-tfal. Kif jispjega l-Kumitat tas-CRC, l-aħjar interessi tat-tfal iridu jitqiesu bħala dritt, prinċipju u regola ta' proċedura. Jeħtieġ li jkun hemm kriterji legali ċari biex tiġi evitata kwalunkwe interpretazzjoni negattiva li tidher li tkun inadegwata.
- Il-professjonisti jindirizzaw ukoll in-nuqqas ta' għodod fir-rigward ta' kif jidentifikaw, jevalwaw u jirrapportaw dwar kif setgħu ġew issodisfati l-aħjar interessi tat-tfal. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet legali għandhom jinkludu wkoll il-ħtieġa għal deċizzjonijiet li jinkludu “spjegazzjoni li turi kif id-dritt ġie rrispettat fid-deċizzjoni, jiġifieri, dak li ġie meqjus li jkun fl-aħjar interess tat-tfal; fuq liema kriterji hija bbażata; u kif l-interessi tat-tfal twieżnu kontra kunsiderazzjonijiet oħra”.<sup>2</sup>

1 Il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2013), Kumment ġenerali Nru 14 dwar id-Dritt tat-Tfal li jkollhom l-aħjar interessi tagħhom mittieħda bħala kunsiderazzjoni primarja (Art. 3, par. 1), CRC/C/GC/14.

2 *Ibid.*

## It-taħriġ tal-professjonisti

Il-Linji gwida tal-Kunsill tal-Ewropa tal-2010<sup>3</sup> jagħmluha ċara li biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni effettiva tagħhom, it-tfal għandhom ikunu f'kuntatt ma' professjonisti speċjalizzati u mħarrġa li għandhom jagħtuhom informazzjoni, jisimgħuhom u jiprotegħuhom.

Madankollu dan mhux bilfors iseħħ. Il-ħtieġa biex il-professjonisti li jaħdmu mat-tfal jingħataw taħriġ issir partikolarment ċara meta jiġi kkunsidrat l-għarfien baxx tal-Linji gwida tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ġustizzja favur it-tfal fost il-professjonisti intervistati. Il-professjonisti għandhom għalhekk jirċievu taħriġ dwar il-bżonnijiet u d-drittijiet tat-tfal, it-tekniki ta' komunikazzjoni, u l-proċedimenti adattati għat-tfal, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-differenzi fl-età u ċ-ċirkostanzi personali.

*“Ħafna affarijiet [...] fejn kont naħseb li b'mod intuwittiv qabel kont naħdem tajjeb, forsi, iżda bla dubju huwa tajjeb li darba tisma' kif taħdem b'mod korrett mil-lat psikoloġiku, u imbagħad tkun tista' tirrangja l-iżbalji, u tara li anke żżomm mal-linji gwida xi ftit. Nixtieq kien hemm ħafna aktar taħriġ, minħabba li m'hemm assolutament xejn fl-edukazzjoni ġudizzjarja.” (il-Ġermanja, Imħallef tal-Familja)*

Fost l-professjonisti intervistati, madwar żewġ terzi pparteċipaw fi programmi ta' taħriġ, bil-professjonisti soċjali aktar probabbli li kellhom taħriġ mill-professjonisti legali. Għalkemm ir-regolamenti legali f'għadd ta' pajjiżi jistipulaw li t-taħriġ huwa obligatorju, ġeneralment dan jiġi offrut u segwit fuq bażi volontarja. Hemm fis-seħħ numru ta' programmi ta' taħriġ ta' suċċess, iżda d-disponibbiltà tagħhom tidher li hija nieqsa b'mod sever f'xi Stati Membri. Ħafna professjonisti ssuġġerew titjib bħal pereżempju aktar taħriġ dwar il-komunikazzjoni mat-tfal għall-imħallfin u aktar taħriġ dwar is-sistemi legali għall-professjonisti soċjali. Il-professjonisti ddikjaraw ukoll li s-suċċess fit-tekniki tal-ġustizzja tat-tfal jiddependi fuq għadd ta' fatturi inklużi l-personalità, il-filjazzjoni u l-kooperazzjoni.

*“M'għandniex nippermettu li każ ifalli minħabba l-inkompetenza u nuqqas ta' esperjenza ta' investigaturi, prosekutori, pulizija u/jew imħallfin li qed jinvestigaw jew korpi tal-infurzar tal-liġi b'mod ġenerali, meta dan seta' kien solvut minn professjonista ta' esperjenza. F'xi mument in-nies jiddiżappuntaw ruħhom mis-sistema tal-ġustizzja. Fejn qiegħda l-problema? Il-problema hija n-nuqqas ta' taħriġ ta' dawn l-uffiċjali, tagħna, tal-istat. Dan qiegħed fil-kompetenza tagħna.” (Bulgarija, Imħallef)*

Ħafna jipperċepixxu li hemm nuqqas ta' speċjalizzazzjoni u ta' taħriġ adegwat fil-ħidma mat-tfal fl-oqsma professjonali kollha fis-sistema tal-ġustizzja tat-tfal. Ir-rispondenti jemmnu li l-professjonisti legali jibbenefikaw minn taħriġ dwar kif jinteraġixxu mat-tfal, filwaqt li l-professjonisti soċjali jibbenefikaw minn taħriġ dwar il-leġiżlazzjoni relatata mat-tfal.

## It-taħriġ ġenerali u waqt is-servizz għall-professjonisti kollha f'kuntatt mat-tfal

- L-Istati Membri tal-UE kif ukoll l-assoċjazzjonijiet professjonali nazzjonali u Ewropej għandhom jiżguraw li l-professjonisti li jittrattaw mat-tfal ikollhom taħriġ obligatorju xieraq dwar id-drittijiet tat-tfal, il-komunikazzjoni mat-tfal u l-leġiżlazzjoni relatata mat-tfal. Dan jinkludi mhux biss l-imħallfin u l-prosekutori imma wkoll il-prattikanti li jiffaċċjaw lit-tfal bħall-uffiċjali tal-pulizija u l-persunal tal-qorti.
- Il-korsijiet ta' taħriġ għandhom jiġu organizzati fil-livell nazzjonali, b'kurrikula armonizzati, biex jipprovdu opportunitajiet ugwali għall-professjonisti ħalli jirċievu struzzjoni u jiġi evitat trattament mhux ugwali tat-tfal abbażi ta' fejn jgħixu. Għandu jiġi inkoraġġit kemm l-iskambju ta' prattiki promettenti fi ħdan l-Istati Membri u bejniethom kif ukoll l-iżvilupp ta' moduli ta' taħriġ tal-UE.

### Prattika promettenti

#### It-taħriġ ta' uffiċjali tal-pulizija fl-interrogazzjonijiet tat-tfal

Il-Finlandja toffri programm ta' taħriġ interdixiplinari dwar l-interrogazzjoni fuq perjodu ta' sena għall-pulizija u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa li jwettqu seduti ta' smigħ tat-tfal. Il-Bord Nazzjonali tal-Pulizija u ċ-Ċentru tal-Psikjatrija Forensika jorganizzaw it-taħriġ. Ħafna uffiċjali tal-pulizija u psikologi li jaħdmu fil-proċedimenti kriminali attendew il-kors u b'mod ġenerali jaqblu li kkontribwixxa għal ambjent aktar adattat għat-tfal fil-proċess ta' smigħ preliminari.

Bl-istess mod, fil-Kroazja, uffiċjali tal-pulizija huma meħtieġa jipparteċipaw f'programm ta' taħriġ ta' tliet xhur organizzat mill-Ministeru tal-Affarijiet Interni. Mat-tlestija, huma jirċievu ċertifikazzjoni u jkunu awtorizzati jiffirmaw rapporti tal-pulizija f'każijiet li jinvolvu t-tfal.

3 Il-Kunsill tal-Ewropa (2010), *Guidelines of the Committee of Ministers of the Council of Europe on child-friendly justice*, Taqsima IV A 4, 5.

- It-taħriġ għandu wkoll jiġi kkumplementat minn superviżjoni u skambju multidixxiplinari ta' prattiki fost il-professionisti.

## Il-kooperazzjoni multidixxiplinari

Standards internazzjonali bħal-Linji gwida tal-KtE jsejħu għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni professjonali fost id-dixxiplini, biex jiġu ffaċilitati l-proċedimenti u t-teħid ta' deċiżjonijiet.

*"Inti qiegħed f'sistema kontradittorja iżda fl-istess ħin hija proċess kollaborattiv u jien ma naf l-ebda prattikant legali hawnhekk li ma jaħdimx f'dan it-tip ta' qafas. Huwa qafas kollaborattiv." (ir-Renju Unit, Assistent soċjali)*

Il-multikooperazzjoni u dik interdixxiplinari jistgħu jieħdu diversi forum. Hija tista' tirreferi għal forum ġenerali ta' kooperazzjoni li huma parti minn approċċ fundamentali għall-proċedimenti jew li għandhom x'jaqsmu ma' każijiet speċifiċi. Din tista' teżisti wkoll fost ħafna assi: fi ħdan grupp wieħed professjonali jew fost professionijiet differenti (bħal pereżempju l-ħidma f'tim bejn il-professionisti soċjali u legali), f'oqsma tal-ġustizzja differenti jew tulhom kollha (bħal pereżempju l-koordinazzjoni aħjar bejn il-proċedimenti ċivili u dawk kriminali), jew il-kombinazzjoni tat-tnejn (bħal pereżempju l-imħallfin u l-assistenti soċjali jagħmlu skambju ta' prattika tajba jew li jaħdmu fuq każijiet ma' tfal li huma involuti kemm fil-proċedimenti kriminali kif ukoll dawk ċivili).

Diversi pajjiżi fformalizzaw ftehimiet jew protokoll biex jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni professjonali. Ħafna mill-kooperazzjoni multidixxiplinari, madankollu, teżisti fuq bażi informali, iċċentrata fuq networks u konnessjonijiet personali. Ir-rispondenti rrapportaw eżempji ta' suċċessi u ta' falliment i fost iż-żewġ sistemi formali u informali ta' kooperazzjoni, u mhuwiex ċar jekk xi sistema għandhiex vantaġġ fuq l-oħra. Minkejja l-eżempji ta' suċċess, madankollu, sistemi bħal dawn huma b'mod ġenerali neqsin fl-Istati Membri.

*"Aħna naħdmu f'kappelli differenti. Hija kkumplikata u mhix ħaġa istintiva li taħdem b'mod multidixxiplinari. Aktar ma nagħmlu taħriġ multidixxiplinari, aktar inkunu kapaċi naħdmu b'mod multidixxiplinari." (Franza, NGO)*

Ir-rispondenti jemmnu li huwa kruċjali li l-professionisti varji involuti jikkordinaw u jikkooperaw matul il-proċedimenti biex jiżguraw li l-ġustizzja tkun favur it-tfal billi jitnaqqas l-għadd ta' seduti tas-smiġh, jonqsu t-tulijiet tal-proċedimenti, jiżguraw informazzjoni konsistenti għat-tfal u jissalvagwardjaw il-modi kif jinstemgħu t-tfal. B'hekk it-tfal ikunu ppreparati, infurmati, protetti u appoġġati aħjar.

## Il-kooperazzjoni biex jinkisbu l-aħjar prattiki u l-aħjar riżultati

- L-Istati Membri tal-UE, u l-assoċjazzjonijiet professjonali nazzjonali u Ewropej għandhom jipromovu l-kooperazzjoni istituzzjonali u approċċ multidixxiplinari, billi jipprovdu finanzjament għal korsijiet ta' taħriġ relatati.
- Ir-rispondenti jemmnu li l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni professjonali meħtieġa biex jipromovvov approċċ multidixxiplinari huma neqsin, li jfisser li l-prattiki mhuwiex armonizzati u l-proċedimenti jiddewmu. L-Istati Membri tal-UE u, kif xieraq, l-UE għandhom jiżguraw li mekkaniżmi bħal dawn ikunu stabbiliti. Proċeduri operattivi standard fost il-professionisti wkoll għandhom jiġu promossi biex titrawwem il-kooperazzjoni.

### Prattika promettenti

#### Il-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet kriminali u ċivili

Il-Mudell ta' Munich (*Münchner Modell*) fil-Ġermanja jstabbilixxi linji gwida għall-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet kriminali u ċivili biex jiġi evitat smiġh ta' tfal multipli, b'mod partikolari f'każijiet ta' vjolenza domestika u abbuż sesswali. Dan jawtorizza li s-smiġh jiġi rreġistrat bil-vidjo, biex wara r-reġistrazzjoni tgħaddi għand is-servizzi tat-tfal u tiġi kondiviża mal-investigaturi. L-intenzjoni hija li, permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib u l-għoti ta' informazzjoni b'mod immedjat lill-partijiet kollha għall-proċedimenti (avukati, servizzi tal-protezzjoni tat-tfal, esperti, avukati tat-tfal), il-ġenituri jiġu megħjuna jsibu soluzzjoni għall-kwistjonijiet ta' kustodja jew ta' aċċess għad-drittijiet.

#### It-twaqqif ta' unitajiet multidixxiplinari speċjalizzati għat-tfal vittmi

Franza stabbiliet madwar 50 unità medika u legali multidixxiplinari u speċjalizzata fl-isptarijiet (*Unités d'Accueil Médico-Judiciaires*) fil-pajjiż biex jgħinu fil-proċedimenti kriminali. Dawn l-unitajiet ta' spiss jgħaqqdu familji u t-tfal ma' NGOs għall-appoġġ tal-vittmi fuq il-post dritt wara l-viżti. Barra minn hekk huma jiġbru flimkien seduti ta' smiġh tat-tfal u viżti mediċi u psikoloġiċi. Dawn il-programmi ċentralizzati jiżguraw li l-interrogazzjonijiet u l-viżti jsiru f'ambjent adattat għat-tfal. Huma jissimplifikaw ukoll il-proċess – b'hekk jiġi evitat dewmien bla bżonn u viżti multipli.



Kull sena, eluf ta' tfal jieħdu sehem fi proċedimenti ġudizzjarji kriminali u ċivili, affettwati minn divorzju tal-ġenituri jew bħala vittmi jew xhieda ta' reati. Dawn il-proċedimenti jistgħu jkunu ta' stress għal kulħadd. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Driftijiet Fundamentali (FRA) investigat jekk id-driftijiet tat-tfal humiex rispettati f' dawn il-proċedimenti. Is-sejbiet mill-ġbir tad-dejta tal-FRA, abbażi ta' intervisti ma' professjonisti u tfal, juru li għad fadal x'isir biex il-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea (UE) tkun aktar favur it-tfal. Għalkemm l-Istati Membri kollha tal-UE impenjaw ruħhom li jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu l-konsiderazzjoni primarja fi kwalunkwe azzjoni li taffettwahom, id-driftijiet tagħhom li jinstemgħu, li jiġu infurmati, li jiġu protetti u għal non-diskriminazzjoni, fil-prattika, mhux dejjem ikunu ssodisfati. Huwa għal din ir-raġuni li l-UE qed tippromwovi *Il-Linji gwida dwar il-ġustizzja favur it-tfal* tal-2010 tal-Kunsill tal-Ewropa. Għandha l-għan li tgħin lill-Istati Membri tagħha jtejbju l-protezzjoni tat-tfal fis-sistemi ġudizzjarji tagħhom u jtejbju l-partekipazzjoni sinifikanti tagħhom, biex b'hekk titjeb il-ħidma tal-ġustizzja.

## Aktar informazzjoni:

Il-pubblikazzjonijiet tal-FRA li ġejjin joffru aktar informazzjoni dwar id-driftijiet tat-tfal.

- *L-immappjar tas-sistemi għall-protezzjoni tat-tfal fl-UE* (2014), <http://fra.europa.eu/en/publications-and-resources/data-and-maps/comparative-data/child-protection>.
- *Il-kurazija għat-tfal imċaħħda mill-kura tal-ġenituri* (2014), Manwal, <http://fra.europa.eu/en/publication/2014/guardianship-children-deprived-parental-care-handbook-reinforce-guardianship>.
- *Id-driftijiet fundamentali: sfidi u kisbiet fl-2013* (2014), Rapport annwali, <http://fra.europa.eu/en/publication/2014/fundamental-rights-challenges-and-achievements-2013>.
- *Konferenza dwar id-Driftijiet Fundamentali 2010: l-iżgurar tal-ġustizzja u l-protezzjoni għat-tfal kollha* (2011), Dokument tal-konferenza, <http://fra.europa.eu/en/publication/2011/fundamental-rights-conference-2010-ensuring-justice-and-protection-all-children>.
- *L-iżvilupp ta' indikaturi għall-protezzjoni, ir-rispett u l-promozzjoni tad-driftijiet tat-tfal fl-Unjoni Ewropea* (2010), <http://fra.europa.eu/en/publication/2012/developing-indicators-protection-respect-and-promotion-rights-child-european-union>.

Għal ħarsa ġenerali tal-attivitajiet tal-FRA dwar id-driftijiet tat-tfal, ara: <http://fra.europa.eu/en/theme/rights-child>.



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

## FRA – L-AĠENZJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIJET FUNDAMENTALI

Schwarzenbergplatz 11 – 1040 Vjenna – Awstrija  
Tel. +43 158030-0 – Faks +43 158030-699  
[fra.europa.eu](http://fra.europa.eu) – [info@fra.europa.eu](mailto:info@fra.europa.eu)  
[facebook.com/fundamentalrights](https://www.facebook.com/fundamentalrights)  
[linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency](https://www.linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency)  
[twitter.com/EURightsAgency](https://twitter.com/EURightsAgency)

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Driftijiet Fundamentali, 2015  
Illustrazzjonijiet: © FRA



Print: ISBN 978-92-9239-883-5, doi:10.2811/177209  
PDF: ISBN 978-92-9239-875-0, doi:10.2811/514254